MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 707/2014

**Elmo Insurance Ltd**
**(C-3500)**
**Vs**

**Palumbo (Malta) Shipyards Ltd**

**(C-48983)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet kundanna ta’ responsabbilita u hlas ta’ danni ammontanti ghal (€399.12c) tlett mija u disa u disghin Ewro u tnax il-centezmu ikkagunata minn Palumbo (Malta) Shipyards Ltd fill-vettura CBU 901 ta’ ghamla Toyota.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Is-socjeta’ konvenuta pprezentat risposta fit-13 ta’ Novembru, 2014 fejn eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fill-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li s-socjeta’ intimata mhijiex responsabbli ghad-dannu allegatament ikkagunat lis-socjeta’ attrici issurrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurata Victoria Magrit Meyer.

Minghajr pregudizzju jinghad ukoll illi s-socjeta’ attrici ghandha wkoll tipprova n-ness bejn id-danni allegatament sofferti mill-assikurati taghha agir tas-socjeta’ konvenuta u ghandha tipprova wkoll li l-assikurati taghha qdew l-obbligu taghhom li jimminimizzaw id-danni.

Salv risposti ulterjuri.

Xehdet Victoria Meyer li hija l-inxurjata mas-socjeta’ attrici u li soffriet id-danni fil-vettura taghha u li taghha giet rinborzata mis-socjeta’ attrici. Spjegat illi hija ghandha l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBU 901u fit-18 ta’ Frar,2013 halliet il-vettura pparkjata barra. L-ghada sabet il-vettura miksija qisha b’sandpaper imwahhla mal-karozza. Ghamlet rapport lil Pulizija li baghtuha d-Depot biex jittiehdu samples ghall-ittestjar. Kellmet ukoll lis-socjeta’ attrici li maghha kienet inxurjata u thallset. Hija spjegat illi l-post fejn ipparkjat il-vettura hux vicin is-socjeta’ konvenuta u hija tghid illi hemm biss block wiehed  il-boghod. Qalet illi hi ma qabditx espert pero’ min ghamillha l-polish fuq il-vettura qalilha illi dan kien residue mis-sand blasting tal-Palumbo. Qalet ukoll illi dak il-lejl kien ir-rih.

Xehdet Marija Said li spjegat illi hija ghandha vettura u grala l-istess bhal Victoria Meyer li sabet il-vettura miksija qisa sand paper harxa. Min ra l-vettura qalilha illi dak kien tad-dockyard. Hija wkoll ghamelt rapport lil Pulizija.

Xehed is-Surgent Brian Cremona li hareg ir-rapport ta’ Victoria Meyer. Spjega illi dan ma kienx l-uniku rapport tan-natura tieghu izda kien hemm madwar tlett mija u hamsin (350). Spjega illi hu baghat kollox lid-depot tal-Pulizija.

Xehed Johan Triganza permezz ta' Affidavit u spjega illi hu surveyor tas-socjeta' attrici. Hu qal illi it-tbajja setgha jnehhihom bill-polish ghaliex kienu superficjali. Pero' fill-partijiet tal-vettura li kienu tal-plastic dawn kellhom jinbidlu ghax baqghu mtebbghin.

Xehed Joseph Vella li spjega dwar dan ir-rust u spjegah bhala industrial fall out.

Xehed Joseph Calleja prodott mis-socjeta' konvenuta u hu General Manager mas-socjeta' konvenuta. Spjega illi l-blasting kien qed isir fill-bacir numru sitta (6). Spjega illi fill-fatt bejn is-17 u t-18 ta' Frar, 2013 kienu qed jaghmlu xoghol gewwa. Spjega illi fill-grid blasting jigi sparat granules ta' five millimeters (5mm) u dawn tqal pero' wiehed xorta jrid jilbes maskla.

Xehed Robert Cortis li huwa xjentist li ta' l-opinjoni tieghu fuq il-hsarat li garbet il-vettura. Pero' qal ukoll illi l-vettura ma rahiex. Qal illi biex particella tehel mal-ispray din trid tkun corrosive. Ghaliex kieku titfarfar. Spjega illi l-grit li ntuza ma kienx corrosive. Dan ix-xoghol isir mill-vicin u ma jinfirixx fil-boghod. Dan ix-xhud qal illi jidhirlu illi r-rih dakinhar ma kellux iwassal lejn in-naha ta' fejn kienet il-vettura.

Xehed Mario Magri li huwa Mechanical Engineer li gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta biex jaghti l-opinjoni tieghu fuq il-frak. Il-vettura in kwistjoni ma rahiex pero' jghid illi teknikament mhux possibbli li l-particles itiru l-fuq u jergghu jinzlu fuq il-vettura.

It-Tribunal jinnota illi s-sekwenza tal-fatti kif migjuba mis-socjeta' attrici huma fatti cari mentri s-socjeta' konvenuta resqet biss esperti bit-teorija taghhom li hadd ma ra l-hsara kkawzata. Kien hemm ammissjoni li kien qed isir blasting mis-socjeta' konvenuta pero' intqal illi dan ma jtirx. Minkejja dan kien hemm mijiet ta' complaints fuq hsarat fuq il-vettura minhabba sand blasting.

Wara li t-Tribunal semgha l-partijiet kollha huwa tal-fehma illi s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha sal-grad mistenni u huwa vero simili li l-hsarat fuq il-vettura li ghalihom hallset is-socjeta’ attrici ikkawzathom is-socjeta’ konvenuta.

Ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u disa u disghin Ewro u tnax il-centezmu(€399.12) bl-imghax Legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------